# Pass pass biex insir qaddis

sem&u

**Lulju 2021**
**Ħarġa nru 18**

***Is-Seminarju u Int***
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

Matul din is-sena qegħdin naqsmu magħkom xi ħsibijiet dwar il-mixja tan-Nisrani lejn il-qdusija. Fil-ħarġiet preċedenti, permezz ta' eżempji mill-qaddisin ta' żmienna, rajna kemm huma importanti l-Iskrittura u l-Ewkaristija biex wieħed jagħmel dan. Jonqos issa l-aħħar pass, dak tal-karità. Niftakru li kulħadd hu msejjaħ biex ikun qaddis: "Il-qdusija ma tfissirx li tagħmel affarijiet straordinarji, imma li tagħmel l-affarijiet ordinarji b'imħabba u fidi" (Papa Franġisku).

## IT-3 PASS: **IL-KARITÀ**

### X'tgħidilna l-Bibbja?

"F'kollox urejtkom li b'xogħol iebes bħal dan tagħna għandna nieħdu ħsieb ngħinu lil min hu fil-bżonn, waqt li niftakru fi kliem il-Mulej Ġesù li qal, 'Min jagħti hu aktar hieni minn min jieħu.'" *Atti 20:35*

### Mill-ħajja ta' San Óscar Romero

San Óscar Romero, fost bosta affarijiet oħra, serva bħala Arċisqof ta' San Salvador f'El Salvador. Meta kien għadu ħaj sar magħruf mad-dinja kollha għall-ħidma tiegħu mal-foqra u l-oppressi ta' El Salvador, fi żmien meta l-pajjiż kien għaddej minn gwerra ċivili. Romero miet martri permezz ta' tiri f'sidru waqt li kien qed iqaddes.

- "Taspirax biex ikollok iktar, imma biex tkun iktar."
- "Dawk li għandhom vuċi għandhom jitkellmu għal dawk li huma bla vuċi."
- "Mhix ir-rieda ta' Alla li xi wħud ikollhom kollox u oħrajn ma jkollhom xejn."

### X'nista' nagħmel jiena?

- ☐ Nipprova nagħmel ġest żgħir ta' karità kuljum bħal xi telefonata lil xi ħadd waħdu.
- ☐ Noffri mill-ħin tiegħi billi ngħin f'xi għaqda filantropika.
- ☐ Nieħu ħsieb li ma nixtieqx lussu żejjed, ma naħlix ikel, ilma u ħwejjeġ oħra, u nibża' għall-ambjent.

*Il-komunità tas-Seminarju...*

Tirringrazzja lill-benefatturi kollha li kontinwament isostnuha bit-talb kif ukoll bl-għajnuna materjali.

## Il-mistoqsija oħt l-għerf

Se naqsam magħkom ftit ħsibijiet li ta' sikwit iberrnu f'moħħi, ħafna minnhom mistoqsijiet li jieħdu ż-żmien biex tinstab tweġiba għalihom.

Kif nistgħu ngħixu aħjar?
Illum jew għada, din il-ħolma kerha tal-Covid-19 se tgħaddi. Imma irridu jew ma rridux, dan iż-żmien qajjem fina ħafna mistoqsijiet... (dan iż-żmien...)

Tgħallimna xi ħaġa mill-pandemija? Jew se nerġgħu lura għall-istess ħajja ta' ġiri, xiri u ġenn?

Mhux li kieku niskopru li nistgħu ngħixu b'ħafna inqas... ħajja aktar sempliċi.

Nissugraw nagħmlu mistoqsijiet tqal? Dak kollu li qed nagħmel, għalxiex jiswa? Dak kollu li għandi, tassew għandi bżonnu biex ngħix kuntent? Jien wieħed minn dawk li jemmnu li la nqdejt jien inqeda kulħadd?

Minn dak kollu li nfittex u nixtieq, x'inhu dak li se jtejjeb il-ħajja tal-għeżież tiegħi u ta' dawk ta' madwari: qraba, ħbieb, ġirien, dawk li naħdem magħhom?

Kemm ilni ma noqgħod nofs siegħa bilqiegħda nisma' lil ommi u lil missieri anzjani, nisma' lil binti, lil ibni, lil oħti, lil ħija? Napprezza, nifhem... kemm naf minn xiex huma għaddejjin u x'inhu dak li jġiegħelhom ibatu?

Ilna ħafna li tlifna l-boxxla tat-tajjeb u l-ħażin. Tgħid jirnexxielna nerġgħu nsibuha, jew qtajna qalbna? Ikkundannati li ssuqna l-kilba għall-flus, il-pjaċir u l-gost?

Jista' pajjiż jinbena jekk ngħixu bla sens u bla ražan, filwaqt li nidħku bina nfusna meta niffanfraw li fl-Ewropa kulħadd jgħir għalina...?

Xi drabi ħafna valuri jintilfu u kull ġenerazzjoni jkollha bżonn tiskopri mill-ġdid x'inhuma il-valuri li bihom trid tgħix, ngħidu aħna rispett bla tlaqliq lejn kulħadd, rispett akbar lejn il-batut, lejn il-marid, lejn min mhux mogħni.

Pajjiżna msejjes fuq il-paċi jew il-vjolenza, is-sinċerità jew il-gideb, il-kliem fieragħ jew is-serjetà, id-daħk fil-wiċċ jew il-verità?

Il-fidi Nisranija tagħna, kif nistgħu ngħixuha aħjar?

Jeħtieġ nissieltu bis-serjetà kontra l-biża' u qtigħ ta' qalb. Hemm bżonn li nkunu nies ta' fiduċja kbira, Insara mingħajr mistħija, li jgħixu l-fidi tagħhom mimlija kuraġġ fost it-taħbit u l-isfidi tal-ħajja. Mingħajr festi, sparar, armar, purċissjonijiet u marċi, il-ħajja tal-fidi ngħixuha nofs kedda, jew tissaffa u tikber?

Kemm qed infittxu mezzi biex ngħaddu l-fidi lit-tfal u liż-żgħażagħ li telgħin? Infittxu li nagħmlu iżjed minn dak li nafu nagħmlu, jew infittxu mezzi ġodda, nissugraw, nipprovaw, u jekk hemm bżonn nižbaljaw? X'qed nagħmlu għal tant żgħażagħ mitlufin u mħawdin? Nistgħu aħna, nies li mmexxija mill-Mulej, nagħtu tweġibiet tal-bieraħ għal problemi tal-lum u tal-ġejjieni?

Waħedna jew komunità? Tgħid jirnexxielna ngħixu il-fidi aktar flimkien? Jeħtieġ li nfittxu sinċerament li ningħaqdu aktar mal-oħrajn biex nisimgħu l-Kelma ta' Alla, biex niċċelebraw, biex nitħabtu ħalli tinbena s-saltna ta' Alla fuq din l-art. Flimkien.

Lill-barranin u lill-emigranti kif nistgħu ngħinuhom tassew? Kemm nafu x'qegħdin iġarrbu, iħossu u jbatu? Il-Knisja, il-fatt li aħna Nsara, tfisser xi ħaġa għalihom?

Ladarba nħobbu daqstant l-istatwi, lill-maħfra u l-ħniena meta ser inqegħduhom fuq il-pedestall li jistħoqqilhom? Kemm hawn nies għandhom bżonn min jismagħhom, għandhom bżonn il-fejqan.

Minbarra li ngergru u nsewdu qalbna, x'bi ħsiebna nagħmlu ma' dawk li tilfu il-fidi, dawk li tbiegħdu, dawk li birdu?

Għaddejjin bil-fidi tagħna ħelu ħelu, qisu mhu qed jiġri xejn, jew qed infittxu x'missjoni jrid jafdalna l-Mulej? Jarawna mimlijin ħeġġa jew mikulin mill-qtigħ ta' qalb? Għalxiex qed isejħilna l-Mulej? X'inhuma is-sejħat ġodda li jinbtu mill-problemi kbar u l-perikli tad-dinja llum?

Klima, konsum, vjolenza, teknoloġija, faqar, inugwaljanza. Il-Knisja, kemm hi qrib ta' min qed ibati u min hu mwarrab? Minn dak kollu li għandi, kemm tassew għandi bżonn biex ngħix kuntent?

**Rev. Anthony Calleja SJ**
*Direttur spiritwali*



L-Erbgħa 21 ta' April sar **każ morali** dwar ir-**Responsabbiltà lejn u l-Kura tal-Ambjent**, ippreżentat mis-seminarista Gabriel Vella.

Nhar is-Sibt 24 ta' April sar **pellegrinaġġ lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu**. Dan il-pellegrinaġġ intemm b'quddiesa fil-kappella l-antika tas-santwarju. Waqt il-quddiesa, id-djaknu Andrew Grima u s-seminarista Gabriel Vella għamlu l-**wegħdiet** tagħhom bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali u Djakonali rispettivament.



Bejn is-Sibt 17 u l-Ħadd 18, u s-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' April, il-komunità qattgħet żewġ **weekends komunitarji** fid-dar tas-sorijiet Salesjani fil-limiti tax-Xwejni.

Bejn it-Tnejn 26 u l-Erbgħa 28 ta' April, il-komunità tas-Seminarju ċċelebrat tridu bi tħejjija għal festa ta' **San Ġużepp**, permezz tal-kant tal-Għasar u riflessjoni minn Dun Roberto Gauci. Il-Ħamis 29 ta' April filgħodu, saret quddiesa kantata b'omelija mid-Djaknu Andrew Grima.

Il-Ħamis 29 ta' April, fil-Katidral tal-Assunta saret **velja ta' talb** bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Patri Etienne Gilson OFMConv u Rev. Andrew Grima. L-adorazzjoni kompliet matul il-lejl fil-Kappella tas-Seminarju.

Il-Ġimgħa 30 ta' April, Mons. Isqof Anton Teuma ordna bħala **presbiteri lil Patri Etienne Gilson OFMConv** u **Rev. Andrew Grima** ġewwa il-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija.



Nhar il-Ħamis 6 ta' Mejju, l-ewwel Ħamis tax-xahar, il-komunità tas-Seminarju animat mument ta' **adorazzjoni Ewkaristika ġewwa l-Parroċċa tal-Katidral**.

Nhar is-Sibt 8 ta' Mejju, is-seminaristi, flimkien mal-animaturi tal-gruppi tal-adolexxenti tal-Knisja f'Għawdex, ipparteċipaw f'***webinar*** bl-isem ta' ***Youth Ministry**: **What makes it woth it?***

Bejn it-Tnejn 10 u l-Ġimgħa 14 ta' Mejju, ġiet organizzata **Ġimgħa Vokazzjonali,** li matulha s-seminaristi attendew għal-laqgħat tal-adolexxenti u ż-żagħżagħ li jsiru fil-parroċċi ta' Għawdex. F'dawn il-laqgħat s-seminaristi kellhom l-opportunità li jitkellmu dwar il-vokazzjoni, kif ukoll jaqsmu l-esperjenzi tagħhom.



Nhar l-Erbgħa 19 ta' Mejju, **ġew fi tmiemhom il-laqgħat tal-ministeri**. Dawn il-laqgħat ta' formazzjoni għas-seminaristi kienu jsiru kull nhar ta' Erbgħa. Din is-sena t-temi kienu l-virtujiet teologali tat-tama u l-fidi, u l-kunsill evanġeliku tal-ubbidjenza.

Il-Ħamis 20 ta' Mejju, waqt il-quddiesa tat-**Tberik taż-Żjut** li saret fil-Katidral, Mons. Isqof Anton Teuma mexxa **r-rit tal-ammissjoni għall-Ordni Sagri tas-seminarista Gabriel Vella**.

Il-Ġimgħa 28 ta' Mejju, **ġie fi tmiemu t-tieni semestru**. Għaldaqstant, fl-ewwel ġimgħat ta' Ġunju, is-seminaristi kellhom l-eżamijiet.

It-Tlieta 15 ta' Ġunju, **ġiet fi tmiemha is-sena ta' formazzjoni 2020-2021** permezz ta' quddiesa mmexxija minn Mons. Isqof, għall-familjari tas-seminaristi. Wara dan is-seminaristi bdew il-**vaganzi tas-sajf**. F'dan il-perjodu huma jistrieħu, jqattgħu aktar ħin mal-familji tagħhom, ikunu preżenti aktar fil-parroċċi, u jagħmlu xi esperjenzi ta' volontarjat.

Il-Ħamis 17 ta' Ġunju, fil-Knisja parrokkjali tal-Qala saret **velja ta' talb** bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Djakonali tas-seminarista Gabriel Vella.

Il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju, Mons. Isqof Anton Teuma ordna **lis-seminarista Gabriel Vella** bħala **djaknu**, ġewwa l-Katidral.

Bejn it-Tnejn 28 ta' Ġunju u s-Sibt 3 ta' Lulju, ġie organizzat ***Summer Intensive Course*** għas-seminaristi dwar is-***safeguarding of minors***. Dan il-kors tmexxa minn Dun Joseph Farrugia.

*Il-komunità tas-Seminarju tawgura*

lil **Patri Etienne Gilson OFMConv** u **Rev. Andrew Grima**
fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Presbiterali;
u lir-**Rev. Gabriel Vella** fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Djakonali.



## Intervista lil Dun Andrew Grima u lid-Djaknu Gabriel Vella

Din is-sena, żewġ membri tal-komunità tas-Seminarju rċevew is-sagrament tal-Ordni Sagri minn idejn l-Isqof Anton Teuma. Andrew Grima ġie ordnat presbiteru fit-30 ta' April ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann il-Battista fix-Xewkija. Gabriel Vella ġie ordnat djaknu fit-18 ta' Ġunju ġewwa l-Katidral tal-Assunta fil-Belt Victoria.

### ANDREW GRIMA



**Kif għaraft li l-Mulej jixtieq minnek li taqdih bħala saċerdot?**
Kien hemm diversi esperjenzi u persuni li ltqajt magħhom u li kienu ta' għajnuna għalija biex nagħraf Alla xi jrid minni. Dan ix-xogħol però, m'għamiltux waħdi. Kont dejjem nikkonfronta dak kollu li kont qed ngħix fit-talb u fid-direzzjoni spiritwali.

**X'ħassejt xħin kont mimdud fl-art waqt li kont qed tiġi ordnat saċerdot? Xi tlabtu lill-Mulej dak il-ħin?**
Kelli ħafna emozzjonijiet għaddejjin ġo fija; kont ferħan ħafna u eċitat ħafna. Però fuq kollox naħseb li l-isbaħ emozzjoni li kont qed ngħix kienet dak is-sens ta' paċi kbir li kelli, li qiegħed inwettaq dak li Alla jrid minni. Dak il-ħin lill-Mulej tlabtu jgħinni biex bħal Marija nitelaq f'idejh biex ngħix b'fedeltà sal-aħħar l-iva tiegħi.

**Illum, fil-ħajja tiegħu, is-saċerdot jaffaċċja sfidi kbar. X'taħseb dwar dan?**
Bħalma stqarrejt fil-ħsieb tiegħi f'jum l-ordinazzjoni, quddiem din is-sejħa ikun hemm element ta' biża' għax tagħraf li mintix kapaċi twettaq dan il-ministeru u tagħraf ukoll il-piż li tkun dieħel għalih. Però, kif għidt ukoll f'jum l-ordinazzjoni tiegħi, naf li jien miniex waħdi u allura b'din il-konvinzjoni li Ġesù huwa miegħi, insib l-għajnuna biex ngħix dan il-ministeru b'fedeltà.

**X'messaġġ jeħtieġ li jwassal is-saċerdot illum?**
Li Ġesù għadu validu u huwa l-unika soluzzjoni għall-vojt li l-bniedem tal-lum qed jgħix.

**Kif tixtieq tgħix is-saċerdozju tiegħek?**
Li nwassal lil Ġesù u l-Kelma tiegħu lil kulħadd permezz taċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, tas-sagramenti u tal-esperjenzi pastorali kollha li dan il-ministeru se jagħtini l-opportunità li ngħix.

### GABRIEL VELLA



**X'sinjali tak il-Mulej biex jurik is-sejħa li qed jagħmillek?**
Iktar milli sinjali, qajjem fija diversi mistoqsijiet u kurżitajiet li għal bidu kemm jien u anke dawk ta' madwari rajnihom ftit strambi.

**X'sehem kellu s-Seminarju fil-mixja vokazzjonali tiegħek? Liema kienu l-isbaħ mumenti matul il-formazzjoni tiegħek?**
Naħseb li l-ikbar sehem tas-Seminarju kien fl-għarfien li Gabriel huwa iben maħbub ta' Alla. Din kienet skoperta enormi u ta' dan jien grat ħafna! Huma diversi l-mumenti sbieħ imma l-iktar għal qalbi huma l-mumenti komunitarji ma' sħabi s-seminaristi. Mumenti bħal dawn għenuni u għadhom jgħinuni nersaq iktar qrib ta' sħabi u nagħraf iktar kemm hu sabiħ li ngħixu bħal aħwa u naqsmu kollox flimkien.

**X'wasslek li tibqa' miexi fil-vokazzjoni tiegħek f'kuntest soċjali li ma tantx iħeġġeġ il-vokazzjonijiet?**
Il-konvinzjoni li l-vokazzjoni hija ta' Ġesù u mhux xi proġett tiegħi, u li l-bniedem għandu bżonn jiskopri l-imħabba ta' Ġesù li ma tafx b'limiti.

**Liema kien l-aktar mument qawwi waqt l-ordinazzjoni djakonali tiegħek?**
Il-mument tal-paċi, x'ħin l-Isqof għannaqni u għafasni miegħu. Ħassejt lill-Isqof bħala missier li qed jgħannaq lil ibnu. Ħassejt lil Ġesù, fil-persuna tal-Isqof, iħobbni u jagħmilli kuraġġ. Mument emozzjonanti ħafna.

**X'parir tagħti lil żgħażagħ oħra li qed jikkunsidraw li jibdew il-formazzjoni tagħhom fis-Seminarju**?
Intelqu u afdaw fil-Mulej Ġesù li jħobbkom fuq li jħobbkom. Ġesù, li huwa t-Triq, il-Verità u l-Ħajja, idawwalkom u jagħmilkom iktar liberi jrid. Niżgurakom jien! Kunu ċerti li kull pass li se tagħmlu intom, Ġesù se jkun diġà għamlu qabilkom u għalhekk tibżgħux.